MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2012

Avviz Numru. 193/2011

**HSBC Bank Malta PLC**

**Vs**

**Keith Attard u Gabriella Attard**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta rikorrenti ipprezentat fl-14 ta' Gunju 2011 fejn huma talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-intimati ihallsu l-ammont ta' ghaxar t'elef, sebgha mija u erbgha u disghin euro, u sittax-il centezmu (€10,794.16) dovut minnhom fuq 'loan account' numru 085-057156-300 u VISA Gold Card 4035710000515325, bl-imghax bit-tmienja fil-mija fis-sena mil-31 ta' Mejju 2011. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-Ittra Ufficjali datata 24 ta' Frar 2011 u l-Mandat ta' Sekwestru.

Rat ir-risposta ta' Gabriella Attard illi biha eccepiet:-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan stante li kwalunkwe somma pretiza mill-Bank attur hija dovuta unikament mill-konvenut l-iehor Keith Attard, li minnu l-eccepjenti hija legalment separata in forza ta' kuntratt in Atti Nutar Timothy Ellis datata 5 ta' Marzu 2008, senjatament skond l-artikoli 8 u 9 tal-istess kuntratt, li kopja tieghu tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata Dok A;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, il-Bank ghandu igib prova li dawn il-kontijiet fil-fatt jesistu, stante li jidher li dawn il-kontijiet m'ghadhomx jezistu peress li l-konvenut Keith Attard, wahdu, kien innegozja xi rifinanjament mal-Bank, li fi kwalunkwe kaz, jibqa' hu unikament resposabbli;

3. Ili dana l-istat ta' fatt l-partijiet l-ohra jafuh ben tajjeb u, ghaldaqstant, lanqas m'ghandha l-eccipjenti tbaghti l-ispejjez ta' din il-kawza - pjuttost, il-partijiet l-ohra jew minnhom, ghandhom jigu kkundannati jirrifondulha l-ispejjez taghha.

Salv eccezzjonijet ohra.

Rat illi, fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2011, deher Keith Attard illi ammetta t-talbiet kif dedotti kontra tieghu. Illi madanakollu, il-kawza giet differita ghall provi ta' Gabriella Attard

Fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2012, xehdet Sylvana Demicoli, bhala rapprezentant tal-HSBC Bank Malta plc, illi qalet li z-zewgt partijiet kienu applikaw ghall-'flexi credit' ta' hames t’elef Liri Maltin (LM5,000) fid-29 ta' April 2006 u ghall-VISA Gold Card ta' tlett elef liri Maltin (LM3,000) fit-13 ta' Ottubru 2006, fejn l-intimat Keith Attard kien indikat bhala principle card holder u Gabriella Attard kienet indikata bhala additional card holder.

Fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2012, kompliet tixhed Sylvana Demicoli, in kontro ezami, u stqarret illi l-Bank qatt ma gie mgharraf illi l-partijiet kienu sseparaw, izda, madanakollu, huma kellhom indirizzi separati taz-zewg partijiet. Stqarret ukoll illi meta interpellaw dwar il-kont pendenti tal VISA Gold Card, huma interpellaw lil Keith Attard biss peress ili huwa l-principal Card Holder.

Fl-istess seduta xehdet ukoll Gabriella Attard li stqarret li, wara il-kuntratt ta' separazjoni l-ex ragel taghha, Keith Attard, kellu jassumi d-djun tal-VISA Gold Card, u ghalhekk hija marret il-Bank gewwa l-Imsida u rritornat il-Card taghha. Sussegwentement, meta giet infurmata mill-Bank illi hija kien ser ikollha l-inkwiet, hija sahqet li kien Keith Attard li kellu jhallas kollox.

Fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2012 xehed Adrian Saliba Corrado, rapprezentant tal-HSBC u ir-relationship manager illi kien responsabbli mill-kontijiet ta’ l-intimati. Huwa stqarr illi Keith Attard kien il-principal holder tal-card filwaqt illi Gabriella Attard kienet additional holder. Huwa stqarr ukoll illi fit-23 ta' Frar 2010, wara illi ma baqghux isiru aktar pagamenti regolari, il-Bank waqqaf il-card u biddel il-kont ta’ l-intimati minn wiehed ta' Credit Card ghal wiehed ta' re-scheduled overdraft, liema fatt, izda, sar minghajr ma’ l-intimati gew ikkonsultati. Huwa stqarr ukoll illi darba minnhom kien ikkomunika ma' Keith Attard permezz ta' telefon u s-Sur Attard qallu illi ried jiltaqa' mieghu, izda tali laqgha qatt ma saret. Huwa kien anke ikkomunika ma' Gabriella Attard u qaltlu illi hija ma kellha x'taqsam xejn mal-Bank peress illi r-ragel kien assuma d-dejn. Huwa stqarr ukoll illi meta Gabriella Attard infurmatu illi hija kienet sseparat, hu kien infurmaha illi ghal Bank dana ma kien jaghmel ebda differenza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet

**Ikkunsidrat**

Illi l-kaz in ezami jikkoncerna hlas ta' zewg kontijiet bankarji, wiehed relatat ta' VISA Gold Card, u iehor relatat ma Felxi Credit Account, mahruga mil-Bank rikorrent lill-intimati, fit-29 ta' April u 13 ta' Ottubru 2006 rispettivament.

Jirrizulta illi fil-5 ta' Marzu 2008, l-intimati Keith Attard u Gabriella Attard isseparaw u, a tenur ta’ l-artikolu 9 tal-kuntratt, id-djun kollha tal-Bank kelhom jigu assunti mill-intimat ragel Keith Attard.

Jirrizulta ukoll illi l-kontestazzjoni fil-kawza odjerna hija minn Gabriella Attard, peress illi Keith Attard ammetta l-kaz fil-21 ta' Ottubru 2011.

**Ikkunsidra**

Illi l-ilment principali ta’ l-intimata Gabriella Attard hija illi, la darba l-intimat ragel taghha kien obbliga ruhu illi jassumi d-dejn kollu tal-Bank hu, allura hija ma kellha thallas xejn lill- Bank peress illi ma kellha x'taqsam xejn aktar mal-Bank.

Il-Qorti tinnota illi, ghalkemm huwa vera illi l-intimat Keith Attard kien obbliga ruhu illi jassumi d-djun kollha tal-Bank u ghalkemm il-Bank jidher illi kien jaf li l-partijiet kellhom indirizzi separati, madanakollu, fil-mument illi d-dejn gie assunt, il-partijiet kienu ghandhom 'joint and several', peress illi kienu ghadhom mhux separati, u ghalhekk, it-tnejn illi huma jibqu responsabbli ghad-dejn minnhom inkors.

Il-fatt illi l-intimat Keith Attard obbliga ruhu ma’ l-initmata Gabriella Attard li huwa ser jassumi d-dejn tal-Bank hija kwistjoni illi tirrigwarda unikament lil Gabriella Attard u, la darba il-Bank ma kienx kompartecipi fil-kuntratt ta' separazzjoni, allura il-kuntratt ta' separazzjoni ma jeffettwax ir-relazzjoni guridika illi l-bank ghandu maz-zewgt intimati. Sakemm il Bank ma jacettax illi d-dejn kollu ikun a karigu tal-intimat Keith Attard, huma z-zewgt intimati li huma responsabbli ghad-dejn tal-Bank.

**Konkluzjoni**

**Il-Qorti**

Wara illi rat il-provi prodotti u semghet ix-xhieda mressqa,

Taqta u tiddeciedi billi

Tichad l-eccezzjonijiet ta' intimat Gabriella Attard, tiehu nota tal-ammissjoni tal-imputat Keith Attard, u t-tilqa it-talbiet attrici kif dedotti u tikkundanna lill-intimati ihallsu lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' ghaxar t'elef, sebgha mija u erbgha u disghin Euro u sittax-il centezmu (€10,794.16) rapprezentanti flejjes minnhom dovuti lis-socjeta rikorrenti, bl-imghax mill-14 ta' Gunju 2011, data meta giet ipprezentata il-kawza, sad-data tal-pagament effettiv.

In vista tac-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjez kollha tal-kaz, inkluzi dawk ta' l-intimata Gabriella Attard, ikunu a karigu ta' l-intimat Keith Attard.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------